MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Cutajar)**

**vs**

**Saviour Zammit ta' 55 sena bin John u Petronella nee Spiteri, imwieled Gudja Fil-5/4/39 u joqghod 'St. Clair', 12, Guze Cardona Street, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita' 387039(M).**

**Illum 21 ta' Frar, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Saviour Zammit li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-1/2/95 u f'dawn l-ahhar snin b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta' ilma mill-fond Zet

Canvas Ltd f'San Gwann Ind Estate bhala d-detentur jew il-persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond ghad-dannu tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, liema serq hu aggravat bil-mezz, hin, lok u ammont u li jammonta ghal Lm 136.88.

Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-Servizz Pubbliku ta' l-ilma l-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 2).

Rat li l-imputat wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma kellu ebda oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji (a fol 21).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat,

Xehed Emanuel Cumbo, Senior Administrator mal-korporazzjoni ta' l-Ilma. Dana ikkalkula l-ammont ta' misused water versu l-ammont ta' Lm247.79 Dok EC.

Joseph Gauci xehed li hu jahdem bhala Inspector mal-korporazzjoni u li meta saret l-inspection fil-fond Zet Ltd. Kienu sabu fire hydrant li ma kellux la reel u lanqas sigilli. Dan il-fatt gie konfermat ukoll minn Francis Spiteri ukoll inspector u Vincent Zammit. Xehdu wkoll dawn li fil-post kienu sabu lill-akkuzat.Dwar l-ilma li hareg mill-fire hydrant meta infetah Joseph Gauci xehed (a fol 26) li "… hareg hafna ilma bis-sadid." Francis Spiteri xehed: "… waqt l-inspection, taht l-istess fire hydrant, kien hemm tank, wisq probabbli biex jilqa l-ilma li kien qed iqattar mill-istess hydrant" (a fol 27). Kompla li fl-opinjoni tieghu il-fire hydrant kien ilu ma jintuza "… ghax meta ftahnieh l-ilma li hareg kien mimli sadid u dam hiereg ghal hafna hin." Min-

naha tieghu Vincent Zammit dwar is-sadid qal “Meta ftahnieh l-ilma gie bis-sadid.  Nghid li imtela nofs tank ilma bis-sadid” (a fol 31).

Min-naha tieghu l-espert tekniku William Cassar Torreggiani kkonstata li t-tank taht il-kanna ta’ l-ilma li kien fih 25 gallun ilma mahmug ghall-espert tekniku ma kinitx kredibbli li dan il-vit kien irnexxielu jqattar 25 gallun ta’ ilma.  Fl-opinjoni tieghu dan kien ifisser li l-istess vit kien jintuza ta’ spiss.

In kontroezami Vincent Zammit ikkonferma li fit-tank gia msemmi, li kien jesa cirka 40 gallun, kemm sabu ilma, Zammit xehed li kien nofsu mimli bl-ilma iswed.  Francis Spiteri in kontro ezami xehed li l-ilma bis-sadid dam niezel mhux hazin.

Min-naha tieghu l-imputat xehed minn jeddu fejn spjega li meta hu dahal fil-fond UB19 (cioe is-sit tal-fabbrika) kien hemm fire hydrant li kien ilu hemm xi ghoxrin sena.  Qal ukoll li wiehed mill-Inspectors gia imsemmija kien saqsih biex jara minn fejn kienet gejja l-kanna (li maghha hemm imwahhal il-valve li minnu allegatament qed isir serq ta’ l-ilma.  Qal li kien dan l-inspector li kien infurmah li dik il-kanna kienet gejja mid-dirett tal-Gvern.

Xehed ukoll l-imputat illi l-fabbrika tieghu kienet taghmel siggijiet u li l-ingenji li kienu juzaw kienu jahdmu bl-arja u bl-elettriku u li ma kienx isir uzu ta’ l-ilma lanqas ghal skop ta’ cooling.

Saviour Zammit qal ukoll li l-hydrant kien sabhom bla sigilli u li hu qatt ma kien uzahom.  Esebixxa ukoll ittra mibghuta mill-Prestige Ltd.  Datata 5 ta’ Ottubru, 1998 lil Water Services Corporation, f’liema ittra hemm indikat l-ezistenza ta’ “two pipes as fire fighting” li jidher li f’dak il-mument ma kellhomx tags.

Ghalhekk in difiza xehed ukoll Raymond Barbara li xehed li hu bejn is-snin 1998 u 2000 kien direttur tal-kumpanija Prestige Ltd. Spjega li din il-fabbrika kienet topera f’sit adjacenti ma’ dak taz-Zet Ltd u li l-fond fl-intier kien

maqsum b'hajt dobblu. Ikkonferma li kien hu li kien kiteb lill-Water Works biex jaccedu u jaghmlu s-sigilli fil-fabbrika tieghu u dan wara li gie mwissi mill-akkuzat bil-problema li kien jinsab fiha hu. Xehed ukoll, u hawn kien kategoriku, illi meta huwa mar fil-fabbrika ta' l-imputat fis-sena 1998 ma kienx ra sigilli mal-fire hydrant.

Jigi rilevat ukoll illi saru diversi domandi dirett lejn it-tliet xhieda impjegati tal-Korporazzjoni dwar jekk dawn kinux fi stat ta' ubrijakezza meta saret l-inspection, allegazzjoni minnhom michuda u qatt pruvata.

Ikkonsidrat

Fil-fehma ta' din il-Qorti b'riferenza ghal dak li jghid l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, l-akkuzat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli dak allegat kontra tieghu mill-prosekuzzjoni. Min-naha taghha l-prosekuzzjoni ma waslitx ghal prova sal-grad li ma jhalli ebda dubju ragonevoli fuq l-akkuza, dan meta x-xhieda principali taghha kienu skjetti dwar is-sadid li hareg mill-vit meta nfetah, sinjal dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti li dan kien ilu ma jintuza. Oltre hekk il-konkluzjoni tal-perit tekniku li ghaliha gia saret referenza fl-opinjoni kienet wahda erronea galadarba hu la kien jaf kemm kien fih ilma fih l-istess tank qabel ma l-vit infetah mill-istess inspectors u lanqas kemm l-istess vit kien ilu jqattar go l-istess tank.

Ghaldaqstant qeghda tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu ghax fil-fehma taghha ma gewx sufficentement ippruvati.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Gatt)**

**vs**

**Patrick Rausi ta' 39 sena bin Charles u Margaret nee Cortis, imwieled Sliema fil-28.3.61 u joqghod 'Ta' Caplas, Triq it-Torri, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' 0205161(M).**

**Illum 21 ta' Frar, 2001.**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Patrick Rausi li gie akkuzat talli
Fil-11.09.99 u xhur qabel gewwa Msida ukoll wara nzul ix-xemx, b'diversi azzjonijiet maghmulin anki fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-

kurrent elettriku jew li bihom setgha waqqaf jew biddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata jew ikkommetta serq ta' l-elettriku mill-fond ta' Caplas, Triq it-Torri, Msida, bhala detentur jew il-persuna li f'ismu ghandu dan il-fond jew il-persuna li assuma responsabilita', fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok.

U aktar talli fl-istess zmien, jum, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-fili jew ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser jew ikkaguna t-telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser parti mill-meter jew sigilli ta' xi meter jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli tieghu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 6a).

Rat li l-imputat wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li ma kellu ebda oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji (a fol 7).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mir-rizultanzi ta' l-Inkjesta Magisterjali jirrizulta illi l-meter in kwistjoni kien qed jirregistra l-konsum u kien issigillat. Jirrizulta wkoll li l-meter kien imwahhal fuq board ta' l-injam regolari izda din il-board kienet pogguta fuq grampun u b'hekk "il-meter setgha jitpogga immejjel f'anglu barra mill-perpendikulari u ghalhekk il-meter ma jirregistrax il-konsum tal-kurrent elettriku regolari."

Gie rilevat ukoll li ma saret ebda hsara fl-apparat li jappartjeni lill-Korporazzjoni Enemalta.

Gie rilevat ukoll li l-konsumatur Patrick Rausi kien ilu joqghod fil-fond in kwistjoni ghal disgha snin. Meta kien

xtara l-istess fond kien gab electrician u kien dan li caqlaq il-meter u installah fejn instab.

L-imputat innega li hu qatt baghbas il-meter in kwistjoni. Qal ukoll li ta' l-Enemalta kienu gew fuq applikazzjoni tieghu u li qabel l-inspection kienu marru diversi impjegati ohra jaraw l-istess meter.

Ikkonsidrat

Illi mill-fatti kollha prodotti ma jirrizultax li Patrick Rausi huwa hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan ghax ma gewx sufficjentement ippruvati.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.